SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 1/K6/08

**Nru. tal-laqgħat minn 07/04/'94 – 03/04/'08 230**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 03/04/'08 283**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar Il-Ħamis 3 t'April 2008.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 pm.

1.03 Preżenti: Is-sebgħa membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Roberta Sammut.

### 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba

### 1.2 Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-1 t'April 2008. L-Aġenda kienet hekk:

1. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku
2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi - Sindku

1.2.02 Il-Kunsillier Ronaldo Agius, l-aktar anzjan, ippresieda l-laqgħa.

## 2. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Sindku

2.01 Iċ-Chairman Ronaldo Agius fetaħ il-laqgħa u filwaqt li ta merħba, irringrazzja lill-kunsilliera kollha u l-istaff tal-ko-operazzjoni, u ddikjara li minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri fl-Elezzjoni Lokali, l-Kunsillier Peter Bonello kiseb l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Sindku.

2.02 Il-Kunsillier Peter Bonello ddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Sindku.

2.03 Is-Sindku ħa l-presidenza tal-laqgħa. Hu rringrazzja lil dawk kollha preżenti u awgura li bil-ko-operazzjoni ta' kulħadd dan il-Kunsill jibqa' jaħdem kif dejjem ħadem fil-passat, jiġifieri li jġib l-ewwel lill-lokalita' qabel il-partiti politiċi. B'hekk il-Kunsill jibqa' jkun ta' suċċess għall-ġid tal-lokalita' kollha.

**3. Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi – Sindku**

3.01 Iċ-Chairman iddikjara li l-Kunsillier Karl Gouder kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit politiku li kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri. Għaldaqstant għandu jokkupa l-kariga ta' Viċi-Sindku.

3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder iddikjara li jaċċetta l-kariga ta' Viċi - Sindku.

**4. Materji Oħra**

4.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex iċ-Chairman irressaq komunikazzjoni.

4.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4.03 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-persuna li kienet tagħti servizz ta' tindif fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ma tistax tiġi aktar u għalhekk ser titqabbad persuna oħra bir-rata ta' €4.66 is-siegħa inkluż l-ispejjeż tat-trasport jekk ikun il-każ.

4.04 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni tal-Kunsilliera sabiex l-ilmenti li jkollhom jitressqu mill-ewwel lill-amministrazzjoni biex tittieħed azzjoni mmedjata u mhux jistennew li tasal il-ġurnata tal-laqgħa biex jagħmlu dan. Iċ-Chairman fisser li kien qed jinħela wisq żmien bla bżonn meta l-ilmenti kienu qed jitressqu fil-laqgħat filwaqt li ħafna drabi l-ilmenti li jitressqu jkun diġa ressaqhom ħadd ieħor u tkun diġa ttieħdet azzjoni.

4.05 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-6.10p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |